Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru, u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Joseph Zammit Mckeon, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 14 ta' Jannar, 2015

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Marzu, 2015.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

the company Map Trading Limited (C 58917), in the cause above mentioned, which is deferred for hearing to the 22nd April, 2015, at 8.45 a.m.

Applicant company: The General Soft Drinks Co Ltd - Qasam Industrijali tal-Marsa, Marsa MRS 3000.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court, and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr Justice Joseph Zammit Mckeon, LLD, Doctor of Laws.

Today 14th January, 2015

Registry of the Superior Courts, today 6th March, 2015.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

445

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, fis-16 ta' Frar, 2015, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc, ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 14 ta' Mejju, 2015, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu, għall-Bejgħ bl-Irkant li għandu jsir fl-ewwel sular, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fondi hawn taħt deskritti:

Il-fond bin-numru disgħa u tletin (39), Triq il-Qawnara, kantuniera ma' Triq il-Ħut, Marsaskala, u l-arja sovrastanti tiegħu, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, stmat li jiswa miljun u mitejn elf Ewro (€1,200,000).

Il-garaxx bin-numru sittin (60), Triq il-Ħut, Marsaskala, u l-arja sovrastanti tiegħu, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, stmat li jiswa mija u tletin elf Ewro (€130,000).

By a decree given by the Civil Court First Hall, on the 16th February, 2015, on the application of HSBC Bank Malta plc, Thursday, 14th May, 2015, at half past ten in the morning, for the Sale by Auction to be held on the first floor, Courts of Justice, Republic Street, Valletta, of the following properties:

The property numbered thirty-nine (39), in Triq il-Qawnara, corner with Triq il-Ħut, Marsaskala, and overlying airspace, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, valued one million and two hundred thousand Euro (€1,200,000).

The garage numbered sixty (60), in Triq il-Ħut, Marsaskala, and overlying airspace, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, valued at one hundred thirty thousand Euro (€130,000).

L-imsemmija fondi huma proprjetà ta' Mizzi Joan.

N.B. L-imsemmija fondi jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-subbasta 7/2014.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 6 ta' Marzu, 2015.

RUDOLPH MARMARÀ
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

The said tenements are the property of Mizzi Joan.

N.B. The said tenements will be sold as described in the judicial sales act 7/2014.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 6th March, 2015.

RUDOLPH MARMARÀ
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

446

Permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Frar, 2015, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3155/2014, fl-ismijiet Roque, sive Ronnie Polidano vs Alexander Attard pro et noe mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Alexander Attard personalment, u f'isem Sanjonmar Trading Ltd a tenur tal-Artikolu 187 (3) et. seq. tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 7 ta' Ottubru, 2014

Lil: Alexander Attard personalment u f'isem Sanjonmar Trading Ltd, ta' Magnolias, Triq is-Slielem, High Ridge, Saint Andrews.

Michael Attard personalment u f'isem Attard Brothers Limited

Jeffrey Bezzina

Joseph Camenzuli

Aldo Busuttil personalment u f'isem AME Limited

Kevin Sant

Permezz tal-preżenti, Roque, sive Ronnie Polidano (KI 578362M), ta' Ronnie Farmhouse, Tal-Geddum, limiti ta' Ħal Safi, jinterpellakom sabiex fi żmien jumejn tersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha li sofra bi ħtijiet tagħkom minħabba negliġenza, traskuraġni, nuqqas ta' ħsieb u nuqqas ta' tħaris tal-liġijiet dwar is-sigurtà u saħħa fuq il-post tax-xogħol, meta nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu, 2013, waqt li kien f'sit ta' kostruzzjoni fi Triq Luiġi Apap, San Ġiljan, proprjetà tiegħek Jeffrey Bezzina, qala' daqqa bi xkora tar-ramel li kienet qed tinġarr mill-krejn (GAC 304)

It is hereby being notified that the Court of Magistrates (Malta), by means of a decree of the 18th February, 2015, in the records of the judicial letter number 3155/2014, in the names Roque, sive Ronnie Polidano vs Alexander Attard pro et noe, ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Alexander Attard personally and on behalf of Sanjonmar Trading Ltd in terms of Article 187 (3) et. seq. of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 7th October, 2014

To: Alexander Attard personally and for and on behalf of Sanjonmar Trading Ltd, of Magnolias, Triq is-Slielem, High Ridge, Saint Andrews.

Michael Attard personally and for and on behalf of Attard Brothers Limited

Jeffrey Bezzina

Joseph Camenzuli

Aldo Busuttil personally and for and on behalf of AME Limited

Kevin Sant

By means of this judicial letter, Roque, sive Ronnie Polidano (ID 578362M), of Ronnie Farmhouse, Tal-Geddum, limits of Ħal Safi, solicit you so that within two days you come forward for the liquidation and payment of all the damages that he suffered as a result of your fault through your negligence, carelessness, lack of thought and lack of compliance with the laws regulating occupational health and safety, when on Monday, 25th March, 2013, whilst he was on the construction site in Triq Luiġi Apap, San Ġiljan, property of Jeffrey Bezzina, he was hit by sack

proprjetà tiegħek Michael Attard, u/jew Attard Brothers Limited, misjuq minnek Kevin Sant, fil-kors ta' xogħlijiet f'sit adjacenti proprjetà tiegħek Joseph Camenzuli, liema xogħlijiet kienu qed jiġu eżegwiti minnkom Alexander Attard, u/jew Sanjonmar Trading Ltd. Inti Aldo Busuttil personalment u f'isem AME Limited inqast ukoll mid-dmirijiet tiegħek biex tassigura s-saħħa u s-sigurtà fuq s-sit ta' kostruzzjoni li kien taħt ir-responsabbiltà tiegħek.

of sand that was being carried by crane (GAC 304) property of Michael Attard, and/or Attard Brothers Limited, driven by Kevin Sant, whilst works were being carried out at an adjacent property of Joseph Camenzuli, which works were being carried out by Alexander Attard and/or Sanjonmar Trading Ltd. You Aldo Busuttil personally and on behalf of AME Limited failed in your obligations to ensure the health and safety on the construction site for which you were responsible.

Navżakom li fin-nuqqas, se jittieħdu proċeduri bil-Qorti kontra tagħkom.

I notify you that in default, further Court procedures will be taken against you.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont il-liġi.

With cost and interest according to law.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Marzu, 2015.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 6th March, 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

447

Permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' April, 2014, mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1606/13, fl-ismijiet Andrew Psaila et vs JPM Brothers Ltd, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187 (3) et. seq. tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 15th April, 2014, of the Civil Court First Hall, in the records of judicial letter number 1606/13, in the names Andrew Psaila et vs JPM Brothers Limited et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service in terms of Article 187 (3) et. seq. of Cap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

In the First Hall of the Civil Court

Illum 31 ta' Mejju, 2013

Today 31st May, 2013

Lil: JPM Brothers Limited (C 31612), ta' JPM Bros, Triq Dun Karm, Birkirkara By Pass, Iklin.

To: JPM Brothers Limited (C 31612), of JPM Bros, Triq Dun Karm, Birkirkara By Pass, Iklin.

Walter Camilleri, ta' Nru. 3, Province Court, Triq Raddet ir-Roti, Xemxija, St Paul's Bay.

Walter Camilleri, of No 3, Province Court, Triq Raddet ir-Roti, Xemxija, St Paul's Bay.

Frank Sammut

Frank Sammut

Permezz tal-preżenti, Andrew Psaila (KI 298449M), ta' 19, Les Roses, Triq it-Trinċetta, Il-Mosta, Margaret Psaila (KI 574752M), ta' 19, Les Roses, Triq it-Trinċetta, Il-Mosta, Anthony Grech (KI 31751M), ta' Nru. 6, Province Court, Triq Raddet ir-Roti, Xemxija, St Paul's Bay, Maria Grech (KI 906649M), ta' Nru. 6, Province Court, Triq Raddet ir-Roti, Xemxija, St Paul's Bay, Georgina Aitchison (KI 63156M), ta' Nru. 1, Province Court, Triq Raddet ir-Roti, Xemxija, St Paul's Bay, Tom Aitchison (KI 56189A), ta' Nru 1, Province Court, Triq Raddet ir-Roti, Xemxija, St Paul's Bay, Susanne

By the present, Andrew Psaila (ID 298449M), of 19, Les Roses, Triq it-Trinċetta, Mosta, Margaret Psaila (ID 574752M), of 19, Les Roses, Triq it-Trinċetta, Mosta, Anthony Grech (ID 31751M), of No 6, Province Court, Triq Raddet ir-Roti, Xemxija, St Paul's Bay, Maria Grech (ID 906649M), of No 6, Province Court, Triq Raddet ir-Roti, Xemxija, St Paul's Bay, Georgina Aitchison (ID 63156M), of No 1, Province Court, Triq Raddet ir-Roti, Xemxija, St Paul's Bay, Tom Aitchison (ID 56189A), of No 1, Province Court, Triq Raddet ir-Roti, Xemxija, St Paul's Bay, Susanne

Ciantar (KI 362678M), ta' Nru 5, Province Court, Triq Raddet ir-Roti, Xemxija, St Paul's Bay, u Alan Bugeja (KI 177668M), ta' Nru 8, Province Court, Triq Raddet ir-Roti, Xemxija, St Paul's Bay, filwaqt illi jagħmlu referenza għas-somma ta' €600 rappreżentanti f'kontribuzzjonijiet għall-manutenzjoni tal-blokk ta' appartamenti u spejjeż relattivi għas-sena 2010 sas-sena 2012 dovuti minn kull wieħed minnkom bħala proprjetarji tal-appartamenti rispettivi tagħkom fi ħdan "Province Court", Triq Raddet ir-Roti, Xemxija, St Paul's Bay (u cioè s-somma ta' €200 għal kull sena imsemmija), u stante n-nuqqas ta' kull wieħed minnkom li tħallsu din is-somma anki wara li ġejtu debitament interpellati bonarjament, il-mittenti jinterpellawkom sabiex kull wieħed minnkom iħallas is-somma ta' €600 b'mod immedjat.

Ciantar (ID 362678M), of No 5, Province Court, Triq Raddet ir-Roti, Xemxija, St Paul's Bay, and Alan Bugeja (ID 177668M), of No 8, Province Court, Triq Raddet ir-Roti, Xemxija, St Paul's Bay, whilst they make reference to the sum of €600 representing the contributions for the maintenance of the block of apartments and related costs for the years 2010 till 2012 due by each one of you as owners of your respective apartments in the block "Province Court", Triq Raddet ir-Roti, Xemxija, St Paul's Bay (that is the sum of €200 for every year mentioned), and on the basis that each of you has failed to pay such sum even after having been requested so to do, the interpellants solicit each one of you to pay the amount of €600 immediately.

Inoltre, il-mittenti jinterpellawkom sabiex b'mod immedjat ukoll tersqu sabiex tiffirmaw il-ftehim relattiv għall-condominium tal-istess blokka ta' appartamenti.

In addition, the interpellants solicit you so that immediately you come forward to sign the agreement of the condominium of the same block of apartments.

Il-preżenti qiegħda tkun notifikata lilek għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u a tenur fosthom tal-Artikolu 889 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

This present is being notified to you for all the purposes and effects of Article 889 of Cap. 12 of the Laws of Malta and Cap. 16 of the Laws of Malta.

Tant biex tagħrfu timxu u tirregolaw ruħkom.

So much for your own guidance and to regulate yourselves.

Bl-ispejjeż.

With costs.

Registru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Marzu. 2015.

Registry of the Superior Courts, today 6th March, 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

448

Permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Frar, 2015, mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4145/14, fl-ismijiet Paul Falzon vs Joanne Mifsud, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Joanne Mifsud a tenur tal-Artikolu 187 (3) tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 17th February, 2015, of the Civil Court First Hall, in the records of judicial letter number 4145/14, in the names Paul Falzon vs Joanne Mifsud, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Joanne Mifsud in terms of Article 187 (3) of Cap.12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

In the First Hall of the Civil Court

Illum 12 ta' Diċembru, 2014

Today 12th December, 2014

Lil: Joanne Mifsud (KI 388178M), ta' Sanmar Place, Flat 25, Triq ir-Rebħa, Il-Gżira.

To: Joanne Mifsud (ID 388178M), of Sanmar Place, Flat 25, Triq ir-Rebħa, Gżira.

Permezz tal-preżenti, Paul Falzon (KI 422060M), ta' Tlata Office, Hardstone Quarry, Nru. 32, 15, Misraħ Suffara, limiti

By the present, Paul Falzon (ID 422060M), of Tlata Office, Harstone Quarry No 32, 15, Misraħ Suffara, limits

tar-Rabat, jinterpellak sabiex fi żmien jumejn min-notifika lilek ta' din l-ittra uffiċjali inti tħallas is-somma ta' €14,000 kompriż l-imgħax legali dekorribbli mill-25 ta' Mejju, 2010, fl-ammont ta' €5,099.84 u dan skont kif patwit bil-kambjala tas-17 ta' Marzu, 2010, kopja tagħha hawn annessa.

Fin-nuqqas li tottempera ruħek mal-interpellazzjoni li qed issirlek, din il-kambjala tiġi reża eżegwibbli, u l-mittenti se jipproċedi kontra tiegħek mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant sabiex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat lilek sabiex tirrendi kambjala eżegwibbli skont l-Artikoli 253 (e) u 256 (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Inti għandek id-dritt topponi għall-eżekuzzjoni ta' din il-kambjala permezz ta' rikors li għandu jigi ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti fi żmien għoxrin jum minn meta tirċievi din l-ittra uffiċjali għar-raġunijiet illi din il-kambjala ma ġietx iffirmata minnek jew minn xi mandatarju tiegħek, jew jekk jeżistu raġunijiet oħra gravi u validi fil-liġi sabiex jissospendu l-eżekuzzjoni ta' din il-kambjala. Għalhekk, huwa fl-aħjar interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Marzu, 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

of Rabat, solicits you so that within two days from the day of notification of this judicial letter you pay the sum of €14,000 including the interest from the 25th May, 2010, in the amount of €5,099.84 and this as agreed by means of the bill of exchange dated 17th March, 2010, copy here attached.

In the event that you fail to pay according to this solicitation, this bill of exchange will be rendered executable, and the interpellant will proceed against you without further notice.

So much for your own guidance and to regulate yourself.

With costs.

This judicial letter is being sent to you to render the bill of exchange executable according to Article 253 (e) and 256 (2) of Cap. 12 of the Laws of Malta. You have a right to oppose this execution of this bill of exchange by means of an application that has to be filed in the Court Registry within twenty days from the day you receive this judicial letter for the reasons that this bill of exchange was not signed by you or your mandatory, or where such person brings forward grave and valid reasons to oppose the said execution of this bill of exchange. So, it is in your interest to contact a lawyer or a legal procurator.

Registry of the Superior Courts, today 6th March, 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

449

Permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Jannar, 2015, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187 (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-atti tal-ittra uffiċjali ai termini tal-Artkolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 292/2007 fl-ismijiet Elmo Insurance Limited (C 3500) vs John Grima, ippreżentat minn Elmo Insurance Limited, debitament rappreżentata għall-fini ta' dan l-att mill-Avukat Dr Alessia Zammit Mckeon (KI 550283M), fit-2 ta' Settembru, 2014, esponiet bir-rispett:

Illi s-soċjetà mittenti ppreżentat ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fis-16 ta' Jannar, 2007, liema ittra uffiċjali ġiet debitament notifikata lill-intimat fit-3 ta' Diċembru, 2008 (Dok. A).

By means of a decree of the 19th January, 2015, the Court of Magistrates (Malta) ordered the publication of the following extract for the purpose of effecting service in terms of Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the acts of the judicial letter number 292/2007 in terms of Article 166A of Cap. 12 of the Laws of Malta in the names Elmo Insurance Limited (C3500) vs John Grima, filed by Elmo Insurance Limited, duly represented on this act by Dr of Laws Alessia Zammit Mckeon (ID 550283M), on the 2nd September, 2014, pleaded with respect:

That the applicant company filed a judicial letter in terms of Article 166A of Cap. 12 of the Laws of Malta on the 16th January, 2007, which judicial letter was duly notified to the defendant on the 3rd December, 2008 (Doc. A).

Illi l-istess intimat naqas milli jippreżenta risposta fl-atti tal-imsemmija ittra uffiċjali fi żmien stipulat mil-liġi, u cioè fi żmien tletin ġurnata min-notifika. Għaldaqstant, fit-3 ta' Jannar, 2009, is-soċjetà mittenti ġiet kanonizzata kreditriċi versu l-intimat.

Illi l-intimat għandu jħallas lis-soċjetà mittenti kreditriċi s-somma ta' €1,047.55 rappreżentanti €456.56 bħala sorte, €278.79 bħala mgħax mis-16 ta' Jannar, 2007 sal-lum, u €312.20 bħala spejjeż, u dana kollu a tenur tat-titolu eżekuttiv sovra mezjonat.

Illi għalkemm għaddew aktar minn tliet (3) snin mid-data tal-imsemmi titolu eżekuttiv, is-soċjetà mittenti għad għandha interess teżegwixxi l-istess titolu stante li l-intimat debitur għadu ma ħallsux 'il fuq imsemmi kreditu anke wara l-preżentata ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv fil-5 ta' Jannar, 2010, fl-ismijiet premessi (Referenza Numru 6/2010).

Illi in ottempranza ma' dak sanċit fl-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avv. Alessia Zammit Mckeon bħala mandatarja speċjali tas-soċjetà mittenti kreditriċi għall-fini ta' dan l-att, qiegħda tikkonferma bil-ġurament tagħha l-kontenut u l-veraċità ta' dak sovra premess.

Għaldaqstant, is-soċjetà mittenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzah teżegwixxi t-titolu eżekuttiv lilha mogħti ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-ismijiet Elmo Insurance Limited vs John Grima (Referenza Numru 292/2007), u dan ai termini tal-Artikolu 258 et. seq. tal-istess Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta skont l-ordnijiet, provvedimenti, u/jew direttivi li din l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Soċjetà mittenti: Abate Rigord Street, Ta' Xbiex.

Intimati: John Grima, Mayfair, Flat 2, Birkirkara Road, San Ġiljan.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Maġistrati: Dr Marseanne Farrugia, LLD

Rikors Numru 302/14MF

Elmo Insurance Limited vs John Grima

Il-Qorti

That the same defendant failed to file a reply in the acts of the judicial letter in the time given at law, that is of thirty days from the day of service. Thus, on the 3rd January, 2009, the interpellant company was declared the creditor of the defendant.

The defandant has to pay the interpellant creditor company the sum of €1,047.55 representing €456.56 sorte, €278.79 interest from the 16th January, 2007 till today, and €312.20 representing costs, and this in terms of its executive title above mentioned.

Although more than three (3) years have passed from the date of the said executive title, the interpellant company still has an interest to enforce the same title because the debtor is still in the default and have not paid the said amount even after the filing of the garnishee order on the 5th January, 2010, in the names mentioned (Reference number 6/2010).

Therefore in compliance with that stipulated in Article 258 of Cap. 12 of the Laws of Malta, Dr of Laws Alessia Zammit Mckeon as special mandatory of the applicant creditor company for the purposes of this act, is confirming under oath the content and the truthfulness of all that is stipulated above.

Thus, the applicant company respectfully requests this Honourable Court to authorise it to enforce the executive title given to it in terms of Article 166A of Cap. 12 of the Laws of Malta in the names Elmo Insurance Limited vs John Grima (Reference Number 292/2007), and this in terms of Article 258 et. seq. of the same Cap. 12 of the Laws of Malta, according to those orders, decrees and/or directives that the same Honourable Court deems fit and opportune in the circumstances.

Applicant company: Abate Rigord Street, Ta' Xbiex.

Defendant: John Grima, Mayfair, Flat 2, Birkirkara Road, St Julians.

In the Court of Magistrates (Malta)

Magistrate: Dr Marseanne Farrugia, LLD

Application Numru 302/14MF

Elmo Insurance Limited vs John Grima

The Court

Rat ir-rikors ta' Elmo Insurance Limited tat-2 ta' Settembru, 2014.

Tordna n-notifika tiegħu lill-kontroparti li għandha għoxrin (20) ġurnata żmien min-notifika għar-risposta, u tappunta l-kawża għas-smigħ għas-seduta tad-19 ta' Jannar, 2015, fin-12.30 p.m. għall-provi kollha tal-partijiet li tinsab differita għat-23 ta' Marzu, 2015, fin-12.30 p.m.

Illum 5 ta' Settembru, 2014

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Marzu, 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

Saw the application of Elmo Insurance Limited of the 2nd September, 2014.

Orders the notification to the defendant who has twenty (20) days from the date of notification to reply, and appoints the application for hearing for the sitting of the 19th January, 2015, at 12.30 p.m. for all the evidence of the parties. The case is postponed to the 23rd March, 2015 at 12.30 p.m.

Today 5th September, 2014

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 6th March, 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

450

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-12 ta' Jannar, 2015, fl-atti tar-Rikors, fl-ismijiet Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) vs Cimon Nicholas, numru 796/14 LM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187 (3) et. seq. tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) vs Nicolas Cimon (KI 113346A), fit-12 ta' Settembru, 2014, id-Direttur Ġenerali tat-Taxxi Interni espona bir-rispett:

Illi d-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' taxxi, dazji u miżuri oħra tas-16 ta' Marzu, 2010, tippromwovi u tirregola l-kollaborazzjoni bejn Stati Membri fir-rigward ta' rkupru ta' taxxa, u/jew dazju oħra dovuta mid-debituri ta' Stat Membru partikolari li jinsabu f'territorju ta' Stat Membru ieħor kif ukoll miżuri oħra.

Illi din id-Direttiva ġiet implimentata fil-Liġi ta' Malta permezz tal-Ordni ravviżat fl-Avviż Legali Nru. 153 tas-sena 2012, liema Avviż Legali daħal fis-seħħ fl-ewwel (1) ta' Jannar, 2012, u li jippermetti lid-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) lill-Ministru responsabbli għall-Finanzi bħala l-awtorità kompetenti sabiex jiġbor taxxa dovuta fi Stati Membri oħra fejn id-debitur jinsab f'Malta.

Illi ai termini tad-Direttiva imsemmija, l-awtorità kompetenti ta' Franza, ossija l-awtorità applikanti għamlet talba għall-assistenza lill-esponent Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) f'isem il-Ministru responsabbli għall-Finanzi,

By means of a decree given by the First Hall Civil Court, on the 21st August, 2014, in the records of the Sworn Application in the names Director General (Inland Revenue) vs Cimon Nicholas, Application number 796/14 LM, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187 (3) et. seq. of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Director General (Inland Revenue) vs Nicolas Cimon (ID 113346A), on the 12th September, 2014, the Director General Inland Revenue respectfully pleaded:

That Council Directive No. 2010/24 UE namely the Mutual Assistance for the Revovery of Claims relating to taxes, duties and other measures order of the the 16th March, 2010, promotes and regulates colloboration between Member States in respect of recovery of tax, and/or duties owed by the debtors of one Member State who are present in another Member State's territory and other measures.

That the Directive has been implemented in the Laws of Malta by virtue of the said Order transposed in Legal Notice 153 of 2012, which Order has come into force on the 1st January, 2012 and that permits the Director General (Inland Revenue) the Minister responsible of Finance to collect the tax owed in the name of the other Member States where the debtor is present in Malta.

That in terms of the mentioned Directive, the competent authority of France, otherwise known as the applicant authority has made a claim for recovery to the the applicant Director General (Inland Revenue), acting on behalf of

sabiex l-esponent jirkupra taxxa li hi dovuta lill-istess awtorità applikanti.

Illi l-intimat għandha taxxa dovuta lill-awtorità applikanti ta' Franza, fl-ammont ta' sittax-il elf u ħames mitt Ewro (€16,500), kif jidher mill-Istrument Uniformi li jippermetti Infurzar hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'A', oltre interessi skont il-liġi.

Illi l-intimat huwa indikat li jinsab f'Malta, u għalhekk l-esponent qed jipproċedi sabiex jirkupra l-ammont hawn fuq imsemmi stante li tali dejn qed jitqies daqslikieku kien dejn dovut f'Malta u dan ai termini tal-Artikolu 9 tal-imsemmi Avviż Legali.

Illi l-esponent hu soddisfatt illi fir-rigward ta' din it-talba ta' rkupru ġew imħarsa r-rekwiżiti relevanti kollha tal-imsemmija Direttiva.

Illi kif ukoll, l-intimat għandu dritt għal traduzzjoni tal-istess Dok. 'A' f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew ta' Malta. Fir-rigward ta' dan, qiegħed jiġi allegat dokument ma' dan ir-rikors u mmarkat bħala Dok. 'B' sabiex l-intimat ikun speċifikament infurmat illi tali rikjesta għandha ssir fi żmien sebat (7) ijiem mid-data ta' notifika tal-istess dokument.

Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti sabiex ai termini tas-subartikoli 9 (6) u (7) tal-imsemmi Avviż Legali, fl-ewwel lok tordna li kopja ta' dan ir-rikors flimkien mad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'A' u Dok. 'B' jiġu notifikati lill-intimat skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u fit-tieni lok sabiex tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument ta' Dok. 'A' bħala kopja uffiċjali tiegħu sabiex tali dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv.

Ir-Rikors fl-ismijiet Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) vs Cimon Nicholas, rikors numru 796/14 LM, ġie differrit għas-smigħ għas-16 ta' Marzu, 2015, fid-9.15 a.m.

Rikorrent: Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), Dipartiment tat-Taxxi Interni, Floriana FRN 0170.

Notifika: Flat 1031, Balluta Terrace, Ir-Rampa ta' San Ġiljan, San Ġiljan STJ 1062.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Marzu, 2015.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

the Minister responsible of Finance, so that the applicant recovers tax that is owed to the applicant authority.

That the respondent owes tax to the applicant authority of France, in the amount of sixteen thousand and five hundred Euro (€16,500), as results from the Uniform Enforcement Instruments here attached and marked as Doc. 'A', together with interest due by law.

That the respondent has been indicated as being present in Malta, and thus the applicant is hereby proceeding to collect the mentioned amount since the same debt is deemed to be owed to the applicant Director General (Inland Revenue) in terms of Article 9 of the mentioned Legal Notice.

That the applicant is satisfied that the requisites imposed by the mentioned Directive has been met with respect to this claim for recovery.

That furthermore, the respondent has a right to a translation of Doc. 'A' into any of the official languages of the European Union or of the requested Member State if available. A document is being hereby attached and marked as Doc. 'B' to inform the respondent that he may request the mentioned translation within seven (7) days of service of Doc. 'A'.

To that extent and in view of the above, the applicant respectfully requests that in accordance to sub-articles 9 (6) and (7) of the mentioned Legal Notice, this Honourable Court in the first instance orders a copy of this application together with the documents hereby attached and marked as Doc. 'A' and Doc. 'B' to be served upon the respondent according to Cap. 12 of the Laws of Malta, and in the second instance to order the registration of the document hereby attached and marked as Doc. 'A' as official copy such that said documents constitute executive title.

The application in the names Director General (Inland Revenue) vs Cimon Nicholas, application number 796/14 LM, was deferred for the 16th March, 2015, at 9.15 a.m.

Applicant: Director General (Inland Revenue), Inland Revenue Department, Floriana FRN 0170.

Respondent: Flat 1031, Balluta Terrace, St Julian's Ramp, St Julians STJ 1062.

Registry of the Superior Courts, today 6th March, 2015.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

451

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-1 ta' Settembru, 2014, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187 (5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Public Broadcasting Services Limited (C 13140), ta' 75, St Luke's Road, Gwardamanġa, ippreżentaw Talba, fil-25 ta' Ġunju, 2014, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Enelux Limited (C 51633), ta' 163, St Rocco Street, Birkirkara, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1,416 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Avviż Numru 413/14DMA) hija differita għall-24 ta' Marzu, 2015 f'12.05 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Marzu, 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal, of the 1st September, 2014, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187 (5) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Public Broadcasting Services Limited (C 13140), of 75, St Luke's Road, Gwardamanġa, filed a Claim, on the 25th June, 2014, whereby they asked the Tribunal to condemn Enelux Limited (C 51633), of 163, St Rocco Street, Birkirkara, to pay the plaintiff company the sum of €1,416 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 413/14DMA) is deferred for the 24th March, 2015 at 12.05 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 6th March, 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

452

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fit-2 ta' Frar, 2015, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187 (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Astral Enterprises Limited (C 5024), ta' Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, ippreżentaw Talba, fl-1 ta' Diċembru, 2014, fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Adrian Camilleri, ta' 51, Flat No. 5, Pretty Bay, Birżebbuġa, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €7,854.80 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Numru 390/14FDP) hija differita għat-23 ta' Marzu, 2015 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Marzu, 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Court of Magistrates (Malta), of the 2nd February, 2015, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Astral Enterprises Limited (C 5024), of Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, filed a Claim, on the 1st December, 2014, whereby they asked the Court to condemn Adrian Camilleri, of 51, Flat No. 5, Pretty Bay, Birżebbuġa, to pay the plaintiff company the sum of €7,854.80 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Notice Number 390/14FDP) is deferred for the 23rd March, 2015 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 6th March, 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

453

Permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Lulju, 2014, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 810/14, fl-ismijiet United Acceptances Finance Ltd vs Jeremy, sive Jeremy Paul Bonello et noe, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-

By means of a decree of the 9th July, 2014, in the records of the judicial letter number 810/14, in the names United Acceptances Finance Ltd vs Jeremy, sive Jeremy Paul Bonello et noe, the Court of Magistrates (Malta) ordered

segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Joseph Bonello u Maria Dolores Bonello a tenur tal-Artikolu 187 (3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Jeremy, sive Jeremy Paul Bonello, f'ismu proprju u għan-nom ta' En Route Malta Drive Ltd, Julia Barbara, Joseph Bonello (KI 12648M), ta' 48, Ħniena Divina, Triq il-Qatta, Is-Swieqi, u Maria Dolores Bonello (KI 3l6648M), ta' 48, Ħniena Divina, Triq il-Qatta, Is-Swieqi, bħala garanti flimkien in solidum, fis-27 ta' Marzu, 2014, United Acceptances Finance Ltd (C 360), ta' Mizzi House, National Road, Blata l-Bajda, tirreferi għal disa' (9) kambjali, minnkom debitament iffirmati u aċċettati, liema kambjali skadew iżda għadhom ma ħallsux, kopji ta' liema kambjali qed jiġu hawn annessi u mmarkati bin-numri 16 sa 24.

Il-mittenti qed jinterpellakom sabiex fi żmien jumejn ħallsu s-somma ta' €7,568.10 import tal-kambjali fuq imsemmija, kif ukoll l-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull skadenza sal-pagament effettiv.

Fin-nuqqas ta' pagament, is-soċjetà mittenti qed tinfurmakom illi se tipproċedi ulterjorment kontra tagħkom skont il-liġi mingħajr preavviż ieħor.

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom u tevitaw spejjeż ulterjuri.

Intom avżati li għandkom id-dritt li topponu għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-kambjali permezz ta' rikors li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika ta' dan l-att ġudizzjarju, u dan ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan l-att ġudizzjarju qed isir sabiex irendi l-imsemmija kambjali eżegwibbli ai termini tal-Artikolu 256 (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Marzu, 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

the following publication for the purpose of service of the respondents Joseph Bonello and Maria Dolores Bonello in terms of Article 187 (3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Jeremy, sive Jeremy Paul Bonello, in his own name and for and on behalf of En Route Malta Drive Ltd, Julia Barbara, Joseph Bonello (ID 12648M), of 48 Ħniena Divina, Triq il-Qatta, Swieqi, and Maria Dolores Bonello (ID 316648M), of 48, Ħniena Divina, Triq il-Qatta, Swieqi, as surety in solidum between them, on the 27th March, 2014, United Acceptances Finance Ltd (C 360), of Mizzi House, National Road, Blata l-Bajda, refers to nine (9) bills of exchange signed and accepted by you, which bills of exchange lapsed but were not paid for, copies of this bill of exchange are annexed and marked with numbers 16 to 24.

The interpellant calls upon so that within two days you pay the sum of €7,568.10 value of bills of exchange above mentioned, besides legal interest from the date due till the effective payment.

In default of payment, the interpellant company informs you that they shall proceed against you without any other notice according to law.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

You are warned that you have the right to oppose the execution of these bills of exchange by means of an application that has to be done within twenty days from the service of this judicial act, and this in terms of Article 253 of Cap. 12 of the Laws of Malta.

This judicial act is being made to render executable the bills of exchange in terms of Article 256 (2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

With costs.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 6th March, 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

454

Permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Ottubru, 2014, mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2854/14, fl-ismijiet Rita Vella vs Neville Galea, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187 (3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

By means of a decree of the 13th October, 2014, of the Civil Court First Hall, in the records of judicial letter number 2854/14, in the names Rita Vella ve Neville Galea, the following publication was ordered for the purpose of effecting service in terms of Article 187 (3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Illum 15 ta' Settembru, 2014

Lil: Neville Galea (KI 442577M), ta' 110, Carmelo Dimech Street, Il-Mosta.

Permezz tal-preżenti, Rita Vella (KI 167759M), ta' 334, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, filwaqt illi tagħmel referenza: (i) għax-xogħol ta' kostruzzjoni li qiegħed jiġi magħmul minnek, u/jew minn terzi fuq struzzjonijiet tiegħek fl-arja fuq il-proprjetà tagħha li kienet oriġinarjament okkupata mill-fond 333, Dellija, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar u; (ii) għan-nuqqasijiet tiegħek f'li ssegwi regolament viġenti inkluż dawk tas-saħħa u s-sigurtà fuq postijiet tax-xogħol (kif jidher ċar mir-ritratti hawn annessi u kif rapportat mill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol), u dwar l-evitar ta' ħsara lill-proprjetà ta' terzi, tinterpellak sabiex immedjatament:

Tforniha b'kopja tal-polza ta' assigurazzjoni li inti marbut li jkollok skont l-Avviż Legali 72 tal-2013.

Tħallasha s-somma ta' €600 fix-xahar (pro rata skont il-bżonn), VAT eskluż, bil-quddiem bħala kumpens għall-akkomodazzjoni alternattiva adegwata li l-mittenti sejra tfittex u żżomm sakemm idumu għaddejjin ix-xogħlijiet tiegħek, u dan għas-sigurtà personali tagħha.

Il-ħlas imsemmi għandu jibda' jsir mill-ġurnata meta l-mittenti toħroġ mill-fond proprjetà tagħha, u jibqa' jsir sakemm terġa tidħol lura fil-fond in kwistjoni wara li jiġi ċċertifikat minn perit ta' fiduċja tagħha, u a spejjeż tiegħek illi l-fond tagħha huwa abitabbli mingħajr perikolu, u/jew diffikoltà. L-istess kumpens jitħallas mingħajr preġudizzju għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha sofferti, u li għad jistgħu ikunu sofferti mill-mittenti b'konsegwenza tax-xogħlijiet tiegħek.

Din l-ittra qiegħda tiġi kkupjata lid-Direttur tal-Uffiċċju dwar ir-Regolamenti tal-Bini sabiex jieħu dawk il-passi neċessarji ai termini tal-Avviż Legali 72 tal-2013, inkluż li jżomm il-garanziji neċessarji u jieħu miżuri interim, inkluż billi joħroġ avviż ta' infurzar ai termini, inter alia, tar-Regolament 14 (d) tal-Avviż Legali imsemmi.

Fin-nuqqas, jittieħdu proċeduri ulterjuri skont il-liġi. Bl-ispejjeż.

Din l-ittra hija rikjesta skont l-Artikoli tal-Kap. 12 u tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Marzu, 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Today 15th September, 2014

To: Neville Galea (ID 442577M), of 110, Carmelo Dimech Street, Mosta.

By the present, Rita Vella (ID 167759M), of 334, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, whilst referring to: (i) to the construction works that are being done by you or by third parties on your instructions on the airspace overlying her property which was originally occupied by the premises 333, Dellija, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, and (ii) to your defaults in complying with applicable regulations including those for safety and security on the work pace (as is evidently clear from the photos here attached and as reported by the Occupational Health and Safety Authority), and in relation to the avoidance of damage to third party property, solicits you so that immediately:

You provide her with a copy of the insurance policy that you are obliged to have according to the Legal Notice 72 of 2013.

You pay the sum of €600 a month (pro rata as may be required), excluding VAT, in advance as compensation for alternative accommodation which the interpellant is going to look for and retain until you execute your works, and this for her personal safety.

The payment mentioned has to start from the day when the interpellant vacates her premises, and will continue until she will return to her premises in question, and after a certificate is issued by an architect in whom she trusts, and at your expense to the effect that her premises are habitable without danger, and/or difficulty. The same compensation has to be paid without prejudice to the liquidation, and payment of damages suffered, and that the interpellant may suffer as a consequence of your works.

This letter is being copied to the Building Regulation Office to take the necessary action in terms of the Legal Notice 72 of 2013, including ensuring that the necessary guarantees are in place and issuing interim measures, including the issuance of an enforcement notice in terms of, inter alia, Regulation 14 (d) of the Legal Notice mentioned above.

In default, further procedures will be take according to law. With costs.

This letter is required in terms of the Articles of Cap. 12 and Cap. 16 of the Laws of Malta.

Registry of the Superior Courts, today 6th March, 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*